MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 562/2013

Appell Nru: 562/2013

Il-Pulizija

Spettur Godwin Scerri

Vs

Joseph Zammit

Illum, 26 ta' Frar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Joseph Zammit, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 808457M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

B'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksur l-istess dispozizzjoni tal-ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar, 2010 u fix-xhur precedenti ghal din id-data f'dati u f'hinijiet differenti, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jghamel hsara kontra l-ligi, izda biss sabiex jezercita jedd li jippretendi li ghandhu, fixkel lill-Carmelo Farrugia fil-pussess ta' hwejgu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fil-5 ta' Dicembru, 2013, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu tlett mitt Ewro (€300).

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija fejn sabet lill-appellanti hati u konsegwentement u ghar-ragunijiet hawn indikati tghaddi sabiex tilliberah jew, alternattivament tirriforma l-istess sentenza fejn filwaqt li ssib lill-appelanti hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tvarjha in kwantu tikkoncerna l-piena u minflok tghaddi biex tinfliggi fuqu piena katar idonea u anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-procedura adottata mill-Qorti tal-Magistrati hija nulla in kwantu ma gietx segwita l-procedura;

Illi l-procedura adottata mill-Qorti hija li dik il-Qorti ghandha tasal ghall-konkluzjoni taghha biss meta tigi biex tghaddi ghas-sentenza u mhux filwaqt tas-smiegh tal-provi bhal ma gara fil-kaz odjern, fejn wara li l-Ewwel Onorabbli Qorti semghet lix-xhud Carmelo Farrugia, dik il-Qorti kienet diga' ddikjarat li kienet semghet biz-zejjed u wara li l-imputat kien ghazel li fid-dawl ta' dak diga ddikjarat mill-Qorti li ma jixhidx, il-Qorti ghaddiet sabiex issib htija fl-imputata w ikkundannat lill-appellanti multa ta' tlett mitt ewro.

Illi ghalhekk u skond l-appellanti, l-Ewwel Qorti ma segwietx il-procedura indikata fil-ligi u cioe' li tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni u dawk tad-difiza u biss wara tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza, u dana peress li jidher li l-Qorti, wara li semghet ix-xhieda ta' Carmelo Farrugia, kienet diga' waslet ghall-konkluzjoni b'mod apert dwar il-htija tal-akkuzat;

Illi l-proceduria hija intiza biex tigi segwita u f'kaz li tali procedura ma tkunx segwita, skond l-appellanti s-sentenza ghandha tigi ddikjarata bhala nulla;

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti huwa fil-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas ma segwiet il-procedura elenkata Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta giet biex tghaddi ghas-sentenza taghha;

Illi Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li l-Qorti kellha fil-parti tad-decide taghha tiddikjara l-fatti li fuqhom kienet qieghda ssib htija kif ukoll kellha tindika a bazi ta' liema artikolu tal-ligi kienet qieghda ssib il-htija;

Illi skond l-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tiddikjara l-fatti ta' xiex kienet qieghda ssib htija fl-akkuzat kif ukoll naqset li tindika a bazi ta' liema artikolu tal-ligi kienet qieghda ssib htija fl-appellanti.

Illi skond l-esponenti dawn in-nuqqasijiet jekwivalixxu ghan-nullita tas-sentenza stante li ma gietx segwita l-procedura elenkata f'Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta.

Illi t-tielet aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tasal sabiex tkun konvinta sal-livell rikjest fil-kamp penali a bazi tal-provi prodotti sabiex issib htija fl-appellanti u dan stante li jekk wiehed kellu jara d-dokumenti li gew prezentati mix-xhud Carmelo Farrugia gie pprezentat wieghda ta' bejgh rigwardanti l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBY581, bhala l-vettura li Carmelo Farrugia kien wieghed li jixtri minghand l-appellanti filwaqt li fix-xhieda tieghu, kien qieghed jallega li l-appellant kien hadlu;

Illi skond l-appellanti u skond il-gurisprudenza nostrana, f'kaz ta' xi dubju dan ghandu jmur favur l-imputat u zgur li mhux favur min qieghed jallega u f'kaz ta' dubju l-imputat ghandu jigi liberat u mhux misjub hati bhala ma sehh fil-kaz in kwistjoni;

Illi izjed minn hekk il-vettura in kwistjon, kemm dik FBY790 u kemm EBY581 huma bhala propjeta' irregistrati fuq l-appellanti u ghalhekk se mai jekk din il-Qorti kellha tasal biex temmen li l-verzjoni tax-xhud Farrugia, l-appellanti jistaqsi kif persuna tista' tigi misjuba hatija talli tiehu xi haga li hija taghha stess?

Illi r-raba' aggravju tal-appellanti jitratta l-piena imposta fuq l-appellanti fl-ammont ta' tlett mitt ewro li skond l-appellanti hija wahda harxa wisq meta wiehed iqis li l-appellanti kien qieghed biss jipprotegi hwejgu u meta wiehed iqis ukoll l-amissjoni cara ta' Carmelo Farrugia li hwua kien moruz fil-pagamenti tieghu u li minkejja dan huwa zamm il-vettura minghajr ma kien qieghed ihallas dak minnu dovut.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant qieghed fin-negozju ta' xiri u bejgh ta' xarabank. F'xi zmien hu biegh xarabank bin-numru FBY 790 lill-kwerelant Carmelo Farrugia liema hlas kellu jsir b'mod rateali. Jidher illi Farrugia waqa' lura bil-pagamenti u fl-erbgha (4) ta' April tal-elfejn u disgha (2009) l-appellant ra t-trakk fil-venda tal-Belt. Tela' fuqu akkumpanjat minn certa Alex Borg u saq it-trakk u hadu mill-pussess tal-kwerelant li ghamel rapport l-ghassa u l-pulizija ipprocedew kontra l-appellant b'akkuza ta' ragion fattasi kif jidher fil-bidu ta' dan il-gudikat.

B'sentenza tal-hamsa (5) ta' Dicembru tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 28) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal tlett mitt ewro (€300).

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ma uzatx il-procedura regolari meta kienet qieghda tisma' din il-kawza billi iddecidiet illi kellha provi bizzejjed wara li semghet biss lill-kwerelant. It-tieni aggravju huwa fis-sens illi s-sentenza ma fihiex il-fatti dikjarati. It-tielet illi ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex jikkostitwixxu l-elementi ta' ragion fattasi peress illi irrizulta illi l-vettura ghadha irregistrata fuq l-appellant. U fl-ahhar aggravju dwar il-piena illi din gravuza wisq fil-konfront tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment illi l-Qorti tal-Magistrati ma uzatax il-procedura regolari fil-konfront tal-appellant il-Qorti ma ssib xejn minn din l-allegazzjoni fuq xhiex tista' torbot dan l-ilment. Skont il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2013 (fol 25) wara illi l-Qorti semghet ix-xhieda tal-kwerelant Carmelo Farrugia, il-Prosekuzzjoni iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'iggib. Wara dan hemm imnizzel, "Id-Difiza tiddikjara illi l-imputat mhux se jixhed u mhux se jtella' provi." Dan il-verbal mhuwiex kondizzjonat b'xi raguni il ghala d-Difiza ghazlet li timxi b'dan il-mod. Jekk id-Difiza kellha xi ilment procedurali ghal mod kif imxiet il-Qorti kien f'dan il-verbal illi messu gie registrat ghall-fini ta' kawtela fil-futur. Izda l-appellant iddecieda illi jibqa' sieket kif del resto l-ligi ittih id-dritt. Gustament l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda kumment dwar dan. L-artikolu 638(2) jghid "B'dan kollu f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar." Evidentement l-ewwel Qorti kienet kuntenta bix-xhieda ta' Carmelo Farrugia, emmnitha u deherilha illi kienet bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox u ghalhekk ghaddiet biex taghti l-gudizzju taghha kif kellha kull dritt taghmel.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn irregolari fil-komportament tal-ewwel Qorti u l-procedura uzata u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Rigward it-tieni aggravju illi s-sentenza ma fihiex il-fatti dikjarati l-Qorti tirrileva illi din il-procedura kienet wahda sommarja fejn allura l-fatti huma iddikjarati fil-bidu nett tal-procedura u cioé dawk tac-citazzjoni kif imnizzlin mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. L-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal dawn il-fatti, iddikjarat li l-elementi kostitwivi ta' ragion fattasi kollha jissussitu u kwindi sabet lill-appellant hati. Ghalhekk minn dan il-att ma hemm xejn irregolari u dan it-tieni aggravju qed jigi michud.

Rigward it-tielet aggravju illi ma hemmx provi bizzejjed u fi kwalunkwe kaz il-vettura inkwistjoni ghadha registrata fuq isem l-appellant u kwindi ma setax jikkommetti vjolazzjoni ta' proprjetà kontra xi haga illi hija proprjetà tieghu, din il-Qorti ssib illi hawn l-appellant m'ghandux ragun peress illi b'din il-procedura l-ligi trid tipprotegi l-pussess tal-proprjetà u mhux it-titolu tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-elementi tar-reat in dezamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef William Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija kontra Giuseppe Bonavia et" (Vol. XXXII, part IV, pagna 768) u dawn jinkludu: (a) att estern li jimpedixxi persuna ohra

mid-dritt illi hija tgawdi, u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna; (b) li l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt; (c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak illi suppost jiehu tramite process legali; u (d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Fil-kawza moghtija mill-Appell Kriminali fis-27 ta' Novembru 2008 "Il-Pulizija versus Vincent Cortis" il-Qorti qalet, "illi, kif dejjem gie ritenut, element importanti kostitwittiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb illi hu qed jezercita dritt illi jahseb illi ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjetà ta' haddiehor perezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagni fuq il-movent illi kien wassal lill-persuna li ikkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti f'illi wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga illi ghandu t-tgawdija taghha."

Ikkunsidrat:

L-element materjali ta' dan ir-reat mhuwiex mess in diskussjoni. L-appellant ha l-vettura mill-pussess tal-kwerelant minghajr il-permess esplicitu jew implicitu tieghu. Ghalhekk il-kwerelant gie vjolentement dispussessat mill-proprjetà u t-tgawdija tal-vettura inkwistjoni. Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali l-appellant ghamel illi ghamel peress illi haseb illi kellu xi drittijiet fuq il-vettura. Jista' jkun illi l-vettura kienet ghadha irregistrata fuq ismu u jista' jkun ukoll illi l-appellant kellu jiehu xi flus minghand il-kwerelant fuq din il-vettura. Dan gaghal lill-appellant illi jidhol fic-censura tal-ligi meta unilateralment iddecieda illi jiehu l-ligi b'idejh, jassumi xi drittijiet fuq din il-vettura u qabad u hadha minn pussess legali tal-kwerelant. Jekk l-appellant kellu xi drittijiet kontra l-kwerelant fuq din il-vettura hemm il-Qorti li seta' jadixxi u jiehu dawn id-drittijiet wara decizjoni tal-Qorti kompetenti, imma ma seta' qatt jiehu b'idejh dak illi messu ha minn Qorti kompetenti.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-elementi kollha tar-reat ta' ragion fattasi jissussistu u ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-ewwel, Qorti setghet fuq il-provi li kellha quddiemha legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolartur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi. F'dan il-kaz irrizulta ben car illi l-multa inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u mhux il-kaz illi hawnhekk ukoll id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------